**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 57 – IT-TNEJN, 30 TA' NOVEMBRU 2015 FIS-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | | |
| | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Assenti | | |
| | Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 56**

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Fil-punti mill-minuti għandha tidħol "Is-Sinjura Joan Farrugia staqsiet min għandu l-aċċess għall-uffiċini tal-Kunsill, meta l-Kunsill ikun magħluq"

1.2 Is-Sur Etienne Bonello DuPuis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti Numru 49**

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Korrispondenza**

3.1 Ġiet innutata korrispondenza minn TCTC rigward korsijiet għall-adulti għal Frar tal-2016. Kien hemm qbil li l-Kunsill ma japplikax għal dawn minħabba li l-Kunsill m'għandux fejn jospita dawn il-korsijiet u r-residenti mhux qed jieħdu gost li jridu jmorru fl-lokalità oħra biex jattendu għal dawn il-korsijiet.

3.2 Kien hemm diskussjoni rigward petizzjoni li kien irċieva l-Kunsill biex titneħħa t-timed parking fis-service road bejn Triq Busuttil u Triq R Caruana Dingli. Ġie

deċiż li għalissa ma tittieħed ebda deċiżjoni sakemm tiġi studjata aħjar din is-sitwazzjoni.

3.3 Ġiet innutata skema biex jiġi impjegat ħaddiem bi bżonnijiet speċjali fil-Kunsill. Kien hemm qbil li ssir l-applikazzjoni sakemm il-Kunsill ma jidħolx fi spejjeż.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

.

4.1 Kien hemm diskussjoni rigward il-fondi li ġew approvati għal Green Urban Areas ġewwa San Ġwann. Dawn il-fondi jlaħħqu 30,000 Ewro. Ġie deċiż li jitqabbad Landscape Designer biex jifformola l-applikazzjoni li trid titlesta sal-aħħar ta' Diċembru. Il-Kunsilliera għandhom jikkomunikaw il-proposti tagħhom lis-Segretarju Eżekuttiv sal-Ġimgħa, 4 ta' Diċembru 2015.

4.2 Kien hemm diskussjoni rigward il-proposta li jitwaħħlu CCTV cameras madwar il-lokalità. Ġie innutat li kien hemm xi feedback mill-Kunsilli l-oħra rigward l-esperjenza tagħhom fuq CCTV u anke ritratti tal-postijiet proposti fejn għandhom jitwaħħlu l-cameras. Dawn għandhom jiġu mibgħutha lill-membri tal-Kunsill.

4.3 Ġie innutat protest ġudizzjarju mill-Kumpanija WM Environmental rigward default notices li l-Kunsill kien bagħat. Ġie innutat ukoll li din il-Kumpanija, li kienet intgħażlet għat-tender tal-ġonna u soft areas f'San Ġwann għadha ma ppreżentatx il-performance bond tagħha għal din it-tender. Ġie deċiż li dawn jintbagħtu lill-Avukat tal-Kunsill u jiġi eliminat dan il-kuntrattur minħabba din. Għandha ssir talba lid-Dipartiment biex terġa' tinħareġ din it-tender mill-ġdid.

4.4 Ġew innutati żewġ appelli fuq deċiżjoni tal-Kunsill li tintgħażel l-Kumpanija Galea Cleanning Solution għal ġbir ta' Skart Domestiku. Ġie deċiż li terġa' ssir extension tal-kuntratt kurrenti ma' Sammy Borg sal-aħħar ta' Marzu 2016 sakemm jinqata' l-appell.

4.5 Il-Kunsill innota li ma kienx hemm appell fuq deċiżjoni li tingħata tender għal Sweeping Zone A lil Owen Borg. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kuntratt ma' Owen Borg ser jibda mill-1 ta' Diċembru 2015.

4.6 Ġie deċiż li l-ikla tal-Milied tal-Kunsill ser issir it-Tnejn, 14 ta' Diċembru 2015 fil-Caruso Bistro.

**5 Affarjiet Oħra**

5.1 Is-Sur Dominic Cassar tkellem fuq ix-xogħol tal-ġardinar li qed isir mhux sodisfaċenti u li nħarġu numru ta' default notices.

5.2 Is-Sinjura Marica Bayliss talbet biex

5.2.1 Tintalab stima minn Bonnici Bros biex il-biċċa triq quddiem il-każin tal-banda jsir patching bil-prodott il-ġdid tagħhom li sar demostrazzjoni tiegħu. Kien hemm qbil.

5.2.2 Il-van tal-Kunsill għandu ħsarat fl-isterring. Ġie deċiż li l-van jittieħed għand l-Aġent għat-tiswija. Kien hemm qbil.

5.2.3 Ġie innutat li mas-7 wifi hotspots li għandu l-Kunsill, ser jiżdiedu 5 oħra mingħajr ħlas mill-Kunsill. Dawn ser isiru fi Ġnien G M Camilleri, Misraħ Donat Spiteri, Masġar Leopoldo Tabone, Ġnien San Ġorġ Preca u fis-soft area ta' ħdejn il-Kappella tal-Mensija.

5.3 Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex isir hand rail fi Pjazza Lewża ħdejn il-Miracle Foods. Kien hemm qbil. Hi reġgħet fakkret l-istat ħażin li tinsab fiha Triq il-Fikus. Għandu jsir kuntatt mal-kuntrattur tal-Kunsill biex jara x'jista' jsir.

5.4 Is-Sur Trevor Fenech tkellem fuq problema li hemm rigward ir-reserved parking fejn l-iskola. Dan qed jiġi kkomunikat mal-KNPD. Hu fakkar li għandha tiġi rranġata parking bay fi Triq Sant'Antnin fejn kaxxa li saret safra għandha terġa' ssir bajda.

Is-Sinjura Rita Saliba skużat ruħha mil-laqgħa fis-7.20pm.

5.5 Is-Sur Mikhail Micallef talab biex issir tabella Slow fi Triq Ġużè Borg. Kien hemm qbil li ssir. Hu staqsa rigward l-applikazzjoni għal bus shelters ġodda. Dawn għadhom pendenti minn TM.

5.6 Is-Sur Neville Mallia ilmenta rigward toilet paper holders imkissrin fil-latrina. Għandu jsir komunikazzjoni mal-kuntrattur tal-Kunsill wara li ssir site inspection.

**6 Għeluq il-Laqgħa**

6.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.25pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 14 ta' Dicembru 2015 fil-5.30pm.

________________________
**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

________________________
**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**